



DIKJARAZZJONI TA' KUNFIDENZJALITÀ DWAR L- IPPROĊESSAR TAD-DATA PERSONALI

—

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

L-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni huwa rregolat mir-Regolament 2018/1725 (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Dan l-avviż jispjega għaliex u kif id-data tiegħek hija pproċessata.

EDES

Min huwa l-kontrollur tad-data?

Il-kontrollur tad-data għal dan l-ipproċessar huwa d-Direttur għall-Baġit u għall-Affarijiet Finanzjarji (flimkien mal-Kummissjoni, minħabba li d-database hija stabbilita u operata minn din tal-aħħar).

Għalfejn għandna bżonn id-data tiegħek?

Skont l-Artikolu 142 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2018, L 193) (iktar 'il quddiem ir-"RF"), ġiet stabbilita database mill-Kummissjoni għall-iskopijiet tas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni (iktar 'il quddiem l-"EDES") bil-ħsieb li tagħmel l-informazzjoni disponibbli lill-entitajiet kollha li jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-baġit u sabiex ikunu jistgħu jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

L-iskop tal-ipproċessar huwa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-identifikazzjoni tar-riskji u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi.

B'mod partikolari, l-iskop tad-database EDES huwa:

- ☐ L-identifikazzjoni bikrija ta' riskji li jheddu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;



- ☐ l-esklużjoni ta' operatur ekonomiku li jinsab f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati fl-Artikolu 136(1) tar-RF;
- ☐ l-impożizzjoni ta' sanzjoni pekunjarja fuq operatur ekonomiku skont l-Artikolu 138 tar-RF;
- ☐ il-pubblikazzjoni fis-sit internet tal-Kummissjoni, fil-każijiet l-iktar gravi, ta' informazzjoni relatata mal-esklużjoni u fejn applikabbli s-sanzjoni pekunjarja, sabiex issaħħaħ l-effett dissważiv tagħhom (Artikolu 140 tar-RF)

L-għan ewlieni huwa li jiġi evitat li terz eskluż mill-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti jew fi proċedura ta' għoti mill-Kummissjoni/istituzzjoni oħra jipparteċipa f'sejħa għal offerti jew fi proċedura ta' għoti mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "il-Qorti tal-Ġustizzja") u vice versa.

L-ipproċessar jiżgura li informazzjoni ristretta dwar terzi li jistgħu jirrappreżentaw theddida għall-interess u r-reputazzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea jew għal kwalunkwe fond amministrat mill-Unjoni Ewropea tintuża b'mod immirat. Dan jimpedixxi lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja jew lill-istituzzjonijiet l-oħra milli jidħlu f'relazzjoni kuntrattwali/konvenzjonali ma' dawn it-terzi.

X'informazzjoni personali niġbru?

- Data ta' identifikazzjoni: isem, kunjom, indirizz, pajjiż, numru tal-karta tal-identità/numru tal-passaport/liċenzja tas-sewqan (jew dokument ieħor li jagħti prova tal-identità), pajjiż tal-ħruġ, data tat-twelid, post tat-twelid tal-operatur ekonomiku;
- Data dwar l-esklużjoni jew l-identifikazzjoni bikrija tas-sanzjoni pekunjarja;
- Motiv (fil-każ ta' esklużjoni) skont l-Artikolu 136(1) tar-RF;
- Data dwar it-tul tal-esklużjoni u dwar id-data tal-identifikazzjoni bikrija: data tal-bidu, data tat-tmiem, estensjoni tat-tul tal-esklużjoni, data tal-identifikazzjoni;
- Data fuq il-bord (Artikolu 143 tar-RF): każ issottomess lill-bord, data tal-laqgħa tal-bord, osservazzjonijiet issottomessi mill-operatur ekonomiku, segwitu tar-rakkomandazzjoni tal-bord (implimentazzjoni, reviżjoni tar-rakkomandazzjoni tal-bord, eċċ);
- Data dwar is-sanzjoni pekunjarja: ammont u informazzjoni dwar il-ħlas;
- Uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għall-każ;



- Persuna ta' kuntatt responsabbli għall-każ;
- Kategoriji oħra ta' data personali jistgħu jiġu pproċessati, skont l-Artikolu 136(1) tar-RF.
- Data relatata ma' proċeduri ta' insolvenza jew ta' stralċ, jew sitwazzjoni simili;
- Data relatata man-nuqqas ta' ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali;
- Data relatata ma' kondotta professjonali gravi (rappreżentazzjoni ħażina ta' informazzjoni frawdolenti, distorsjoni tal-kompetizzjoni, ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, tentattiv ta' influwenzar tal-proċess deċiżjonali tal-awtorità kontraenti waqt proċedura ta' sejħa għal offerti, eċċ.);
- Data relatata ma' frodi, korruzzjoni, parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, ħasil ta' flus, reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, impjeg tat-tfal jew forom oħra ta' traffikar tal-bnedmin;
- Data relatata ma' nuqqasijiet sinjifikattivi fil-konformità mal-obbligi ewlenin fit-twettiq ta' kuntratt;
- Data relatata ma' irregolarità.

Kif irċevejna d-data tiegħek?

Informazzjoni dwar identifikazzjoni bikrija jew esklużjoni tiddaħħal fid-database EDES mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni jew tal-aġenziji eżekuttivi tagħha, minn istituzzjonijiet u korpi oħra jew uffiċċji Ewropej. Il-Kummissjoni tikkontrolla u tivvalida l-każijiet li joħolqu l-Istituzzjonijiet l-oħra.

Id-database EDES hija stabbilita u mħaddma mill-Kummissjoni; il-Qorti tal-Ġustizzja ngħatat aċċess sabiex tikkonsulta d-database u sabiex iddaħħal informazzjoni dwar identifikazzjoni bikrija jew esklużjoni. Tali proċedura tikkonforma mal-Artikolu 142 tar-RF. Il-Kummissjoni tiżgura l-amministrazzjoni tal-EDES u tagħmel arranġamenti tekniċi xierqa.

Min għandu aċċess għad-data tiegħek?



Dawn li ġejjin jirċievu d-data tal-EDES:

- Uffiċjali tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja responsabbli mill-każ;
- Ir-rappreżentant tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala membru tal-bord imsemmi fl-Artikolu 143 tar-RF;
- Il-pubbliku dwar każijiet li huma disponibbli fis-sit pubbliku tal-EDES relatati mal-esklużjoni u fejn applikabbli, sanzjoni finanzjarja. Madankollu, id-data personali ma tiġix ippubblikata, sakemm il-pubblikazzjoni tagħha ma tkunx iġġustifikata b'mod eċċezzjonali, *inter alia*, bis-serjetà tal-att jew l-impatt tiegħu fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'tali każijiet, id-deċiżjoni li tiġi ppubblikata l-informazzjoni debitament tiegħu inkunsiderazzjoni d-dritt għall-privatezza u drittijiet oħra previsti fir-Regolament (UE) 2018/1725;

Jistgħu wkoll jirċievu d-data:

- Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fl-ambitu tal-mandat tagħha mogħti mill-Artikolu 287 TFUE;
- Il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali, u l-avukati u l-aġenti tal-partijiet involuti fil-każ ta' kontenżjuż;
- Il-President u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-uffiċjali li jassistuom fir-responsabbiltajiet tagħhom mogħtija mill-Artikolu 20(4) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Għal kemm tinżamm id-data tiegħek?

Identifikazzjoni bikrija

L-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni bikrija tiġi rreġistrata għal tul massimu ta' sena mill-mument li l-każ rilevanti jiġi vvalidat mill-Kummissjoni. Titħassar awtomatikament fl-aħħar ta' dan il-perijodu. Jekk, matul dan il-perijodu, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jitlob lill-bord imsemmi fl-Artikolu 143 tar-RF joħroġ rakkomandazzjoni fil-każ ta' esklużjoni, il-perijodu ta' żamma jista' jiġi estiż sabiex jippermetti li tali rakkomandazzjoni tinħareġ.

Esklużjoni

It-tul tal-esklużjoni ma għandux jaqbeż:

- a) Ħames snin għall-każijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 136(1) tar-RF (f'każijiet ta' frodi, korruzzjoni, parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, ħasil ta' flus, reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, impjeg tat-tfal jew forom oħra ta' traffikar tal-



bnedmin);

- b) Tliet snin għall-każijiet imsemmija fil-punti (c), (e) sa (h) tal-Artikolu 136(1) tar-RF (imġiba professjonali ħażina serja, nuqqasijiet sinjifikattivi fil-konformità mal-obbligi ewlenin fit-twettiq ta' kuntratt, irregolarità u ħolqien ta' entitajiet sabiex jaħarbu minn obbligi fiskali, soċjali jew obbligi legali oħra);
- c) It-tul, jekk ikun hemm, stabbilit mis-sentenza finali jew mid-deċiżjoni amministrattiva finali ta' Stat Membru.

Fil-każijiet tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 136(1) tar-RF, it-tul tal-esklużjoni ser jikkorrispondi mal-perijodu li fih il-motiv tal-esklużjoni jkun validu (proċeduri ta' falliment, insolvenza jew stralċ, jew sitwazzjoni simili, nuqqas ta' ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali).

Kwalunkwe deċiżjoni tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jew kwalunkwe rakkomandazzjoni tal-bord dwar it-tul ta' żmien propost tal-esklużjoni għandha ssir f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità (Artikolu 136(3) tar-RF).

Sanzjoni finanzjarja

Fil-każ ta' sanzjoni finanzjarja, jekk l-informazzjoni rilevanti tkun ġiet ippubblikata, il-pubblikazzjoni għandha titneħħa sitt xhur wara l-ħlas ta' dik is-sanzjoni [ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 140(1) tar-RF].

L-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni bikrija u/jew l-esklużjoni titneħħa hekk kif il-perijodu ta' żmien ikun għadda jekk l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni ma jkunx neħħieha qabel it-tmiem tal-perijodu.

Informazzjoni mneħħija dwar identifikazzjoni bikrija, esklużjoni u/jew sanzjoni finanzjarja għandha tkun aċċessibbli għal finijiet ta' awditjar, investigazzjoni u għall-finijiet tal-klassifikazzjoni preliminari fil-liġi minħabba l-fatt li r-“rikorrenza” hija kriterju li għandu jiġi kkunsidrat għar-rakkomandazzjoni tal-bord imsemmi fl-Artikolu 143. L-informazzjoni mneħħija ma għandhiex tidher għall-utenti tad-database EDES.

Liema huma d-drittijiet tiegħek?

Għandek id-dritt li taċċessa, tikkoreġi u tikkompleta d-data li għandna dwar l-operatur ekonomiku li qed tirrappreżenta jew l-operatur ekonomiku li għalih tassumi responsabbiltà mhux limitata jew dwar id-data personali tiegħek. Fuq talba, tista' tintbagħhatlek kopja ta' din id-data sabiex tikkoreġiha u tikkompletaha.

Kwalunkwe talba għall-aċċess jew għar-rettifika ta' din id-data għandha tkun indirizzata



lil marchespublics-contrats@curia.europa.eu.

Kif tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek? Lil min għandek tikkuntattja

Tista' tikkuntattja lill-kontrollur tad-data, id-Direttur għall-Baġit u għall-Affarijiet Finanzjarji, bil-modi segwenti:

Indirizz elettroniku: marchespublics-contrats@curia.europa.eu

Indirizz postali: Cour de justice de l'Union européenne
L-2925 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tingħata risposta għat-talba tiegħek mill-iktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ f'terminu ta' xahar. Skont il-bżonn, dan it-terminu jista' jiġi pprorogat.

Tista' wkoll tikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Qorti tal-Ġustizzja/
DataProtectionOfficer@Curia.europa.eu

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Għandek dritt tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jekk tqis li d-drittijiet tiegħek taħt ir-Regolament (UE) 2018/1725 ġew miksura bħala riżultat tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek fil-kuntest tal-EDES.